KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fit-2 ta' Lulju 2015 [1]

Kawża C-163/14

Il-Kummissjoni Ewropea
vs
Ir-Renju tal-Belġju

[rikors għal konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni kontra r-Renju tal-Belġju]

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 3 — Immunità fiskali tal-Unjoni — Eżenzjoni — Kontribuzzjonijiet reġjonali fuq il-gass u l-elettriku — Kunċett ta' ħlasijiet biss għal servizzi ta' utilità pubblika — Kunċett ta' taxxi — Kunċett ta' taxxi indiretti — Obbligi ta' servizz pubbliku"

1. F'din il-kawża, il-Kummissjoni Ewropea ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 258 TFUE, rikors intiż sabiex jikkonstata li, billi rrifjuta li jeżenta lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni stabbiliti fi Brussell mill-ħlas ta' kontribuzzjonijiet relatati mal-finanzjament tal-missjonijiet li r-Renju tal-Belġju jikklassifika bħala missjonijiet ta' servizz pubbliku fil-qasam tal-provvista tal-elettriku u tal-gass, dan naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Protokoll").

2. B'applikazzjoni tal-Artikolu 343 TFUE, li jipprovdi li "[l]-Unjoni għandha tgawdi fit-territorji ta' l-Istati Membri dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li jkunu meħtieġa għat-twettieq tad-doveri tagħha", il-Protokoll jipprovdi li l-Unjoni tibbenefika minn immunità fiskali. Dan huwa spjegat mill-attività ta' servizz pubbliku tal-Unjoni, li fil-prinċipju ma huwiex għal skop ta' lukru u għalhekk ma huwiex taxxabbli [2], kif ukoll min-neċessità li tkun żgurata l-indipendenza tal-Unjoni fir-rigward tal-Istati Membri u mill-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri, li jipprojbixxi li wieħed minnhom jieħu vantaġġ finanzjarju mill-preżenza tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tagħha fit-territorju tiegħu [3].

3. Din il-kawża ser twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet ta' immunità fiskali tal-Unjoni, li sa llum tat lok biss għal tliet sentenzi [4].

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Mégret, J., Waelbroeck, M., Louis, J.-V., Vignes, D., u Dewost, J.-L., *Le droit de la Communauté économique européenne. Commentaire du traité et des textes pris pour son application*, Volum 15, Dispożizzjonijiet ġenerali u finali, Edizzjonijiet tal-Università ta' Brussell, 1987, "Artikolu 218", punt 8.

3 — Sentenza AGF Belgium (C-191/94, EU:C:1996:144, punt 19) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Stix-Hackl fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-437/04, EU:C:2006:434, punt 41).

4 — Sentenzi AGF Belgium (C-191/94, EU:C:1996:144) Komunità Ewropea (C-199/05, EU:C:2006:678), u Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-437/04, EU:C:2007:178). Is-sentenza BĊE vs Il-Ġermanja (C-220/03, EU:C:2005:748) tirrigwarda l-ftehim tas-sede konkluż bejn il-Gvern Ġermaniż u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar is-sede ta' din l-istituzzjoni. Id-digriet Ufficio imposte consumo vs Il-Kummissjoni (2/68 IMM, EU:C:1968:50) jirrigwarda essenzjalment il-ftehim konkluż bejn il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni għall-istabbiliment ta' Ċentru Konġunt għar-Riċerka Nukleari.

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. L-immunità fiskali tal-Unjoni hija prevista fl-Artikolu 3 tal-Protokoll.

5. Dan jipprovdi:

“L-Unjoni, l-assi, id-dħul finanzjarju u proprjetà oħra tagħha ikunu eżenti minn kull taxxa diretta.

Il-Gvernijiet ta’ l-Istati Membri għandhom, kull meta possibbli, jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jirrinunzjaw għal jew iħallsu lura l-ammont ta’ taxxi indiretti jew taxxi fuq il-bejgħ inklużi fil-prezz ta’ proprjetà mobbli jew immobbli, meta l-Unjoni tagħmel, għall-użu uffiċjali tagħha, xirjiet sostanzjali li l-prezz tagħhom ikun jinkludi taxxi ta’ din ix-xorta. Dawn id-dispożizzjonijiet m’għandhomx japplikaw, madankollu, b’ mod li jkollhom l-effett li jfixklu l-kompetizzjoni fi ħdan l-Unjoni.

L-ebda eżenzjoni m’għandha tingħata għar-rigward ta’ taxxi u ammonti dovuti li jkunu biss ħlasijiet għal servizzi ta’ utilità pubblika.”

B – *Id-dritt Belġjan*

1. Il-finanzjament tal-missjonijiet ta’ servizz pubbliku fis-suq tal-elettriku

6. Id-digriet tad-9 ta’ Lulju 2001 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku fir-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali [5] (iktar ’il quddiem id-“Digriet dwar l-Elettriku”) jipprevedi l-eżekuzzjoni ta’ missjonijiet ta’ servizz pubbliku. Dawn il-missjonijiet huma ffinanzjati minn taxxa li huwa responsabbli għaliha fornitur tal-elettriku.

7. L-Artikolu 24 tad-Digriet dwar l-Elettriku jipprovdi, fil-verżjoni fis-seħħ fid-data tan-notifika tal-opinjoni motivata [6], li:

“§ 1. L-amministratur tan-netwerk ta’ distribuzzjoni u l-fornituri huma, kull wieħed fir-rigward ta’ dawk li jikkonċernawh, responsabbli mill-obbligi ta’ servizz pubbliku ddefiniti fil-punti 1 sa 2 hawn taħt:

1° It-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ provvista minima mhux interrotta ta’ elettriku għall-konsum domestiku, taħt il-kundizzjonijiet iddefiniti fil-Kapitolu IVa;

2° Il-provvista ta’ elettriku b’tariffa soċjali speċifika għall-persuni u taħt il-kundizzjonijiet iddefiniti mil-leġiżlazzjoni federali u fil-Kapitolu IVa;

§ 2. L-Istitut [ta’ Brussell għall-amministrazzjoni tal-ambjent] huwa responsabbli mill-obbligi ta’ servizz pubbliku dwar il-promozzjoni tal-użu razzjonali tal-elettriku permezz ta’ informazzjoni, dimostrazzjonijiet u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ attrezzaturi, ta’ servizzi u ta’ għajnuna finanzjarja għall-benefiċċju tal-klijenti finali […]”

5 — *Moniteur belge* tas-17 ta’ Novembru 2001, p.39135.

6 — Jiġifieri fis-27 ta’ Frar 2012 (ara l-punt 25 ta’ dawn il-konklużjonijiet).

8. L-Artikolu 24a tad-Digriet dwar l-Elettriku, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fid-data tan-notifika tal-opinjoni motivata, jipprovdi dan li ġej:

"L-amministratur tan-netwerk ta' distribuzzjoni huwa barra minn hekk responsabbli mill-missjonijiet ta' servizz pubbliku li ġejjin:

1° il-konsum mill-ġdid tal-elettriku ekoloġiku prodott li la huwa awtokkonsmat u lanqas ipprovdut lil terzi, fil-limiti tal-bżonnijiet tiegħu stess;

2° missjoni esklużiva li tirrigwarda l-kostruzzjoni, il-mantutenzjoni u t-tiġdid tal-installazzjonijiet ta' dawl fit-toroq pubbliċi u fiż-żoni ħodor komunali […], kif ukoll il-provvista ta' dawn l-installazzjonijiet f'elettriku […];

3° l-irwol ta' fornitur tal-aħħar possibbiltà u l-organizzazzjoni ta' servizz ta' tkomplija tal-klijenti ttrasferiti lilu fil-kuntest ta' dan ir-rwol;

4° l-informazzjoni tal-klijenti residenzjali u professjonali konnessi b'voltaġġ baxx fir-rigward tal-prezz u tal-kundizzjoni ta' konnessjoni u ta' provvista […]."

9. L-Artikolu 26 tad-Digriet dwar l-Elettriku jistabbilixxi taxxa intiża sabiex tiffinanzja l-eżerċizzju tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku previsti fl-Artikoli 24 u 24a (iktar 'il quddiem il-"kontribuzzjoni reġjonali tal-elettriku"). L-Artikolu 26 jipprovdi, fil-verżjoni fis-seħħ tiegħu fid-data tal-opinjoni motivata, li:

"§ 1. Iż-żamma ta' awtorizzazzjoni ta' provvista maħruġa abbażi tal-Artikolu 21 [7] tagħti lok għal ġbir kull xahar ta' dazju mingħand persuna fiżika jew ġuridika li tibbenefika mill-awtorizzazzjoni, iktar 'il quddiem imsejħa l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa.

§ 2. Id-dazju huwa dovut fl-1 jum ta' kull xahar. Għandu jitħallas sal-15-il jum tax-xahar segwenti.

Il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa hija eżentata mid-dazju fuq l-enerġija miżmuma għad-dispożizzjoni tal-klijenti għan-netwerk ta' trasport bil-ferrovija tagħhom, permezz ta' tramm jew metro.

§ 3. Id-dazju huwa kkalkolat abbażi tal-enerġija miżmuma mill-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa għad-dispożizzjoni tal-klijenti finali eliġibbli, permezz ta' netwerks, sezzjonijiet u linji diretti ta' 70 kV u inqas, f'siti ta' konsum li jinsabu fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali. […]

§ 7. Id-dħul mid-dazju huwa allokat għall-fondi previsti fil-punti 15 u 16 rispettivament tal-Artikolu 2 tad-digriet tat-12 ta' Diċembru 1991, li joħloq fondi baġitarji […] [8].

§ 8. Id-dazju huwa dovut minn Jannar 2004."

10. L-Artikolu 26(4) tad-Digriet dwar l-Elettriku jistabbilixxi l-iskala tal-kontribuzzjoni reġjonali tal-elettriku: kull kategorija ta' enerġija mogħtija għad-dispożizzjoni tikkorrispondi ma' ammont f'Euro.

7 — L-Artikolu 21 tad-Digriet dwar l-Elettriku jipprovdi, fil-verżjoni fis-seħħ tiegħu fid-data tal-opinjoni motivata, li "l-fornituri għandhom liċenzja ta' provvista mogħtija mill-Gvern sabiex jipprovdu elettriku lill-klijenti eliġibbli fuq sit ta' konsum li jinsab fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali […]".

8 — Il-fondi previsti fil-punti 15 u 16 tal-Artikolu 2 tad-digriet tat-12 ta' Diċembru 1991 li joħloq fondi baġitarji (*Moniteur belge* tas-26 ta' Frar 1992, p.4066) huma l-Fondi speċjali ta' gwida enerġetika u l-Fondi dwar il-politika tal-enerġija.

11. L-Artikolu 26 tad-Digriet dwar l-Elettriku kien jinkludi, sal-emenda tiegħu fl-2011 [9], paragrafu 9 li kien jipprovdi li "l-ispejjeż marbuta mal-missjonijiet ta' servizz pubbliku msemmija fl-Artikolu 24 u li jeċċedu l-ammont ta' dazji miġbura skont dan l-artikolu huma imposti fuq l-amministratur tan-netwerk ta' distribuzzjoni, bħala spejjeż tal-operat. Il-konsegwenzi ta' dawn l-ispejjeż fuq it-tariffi huma rregolati mil-leġiżlazzjoni federali".

2. Il-finanzjament tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku fis-suq tal-gass

12. Id-digriet tal-1 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-gass fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, li jirrigwarda tariffi tat-toroq fil-qasam tal-gass u tal-elettriku u li jemenda d-Digriet dwar l-Elettriku tad-19 ta' Lulju 2001 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali [10] (iktar 'il quddiem id-"Digriet dwar il-Gass") jipprovdi, bħad-Digriet dwar l-Elettriku, l-eżekuzzjoni ta' missjonijiet ta' servizz pubbliku. Dawn huma ffinanzjati permezz ta' taxxa li huwa responsabbli għall-ħlas tagħha l-amministratur tan-netwerk ta' distribuzzjoni tal-gass, wara l-fornitur tal-gass.

13. L-Artikolu 18 tad-Digriet dwar il-Gass jipprovdi, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fid-data tal-opinjoni motivata, li:

"L-amministratur tan-netwerk u l-fornituri huma, kull wieħed għal dak li jikkonċernawhom, responsabbli mill-missjonijiet u mill-obbligi ta' servizz pubbliku ddefiniti fil-punti 1 sa 3 hawn taħt:

1° it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' provvista minima mhux interrotta ta' gass għall-konsum domestiku, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu Va;

2° Il-provvista ta' gass b'tariffa soċjali partikolari għall-persuni u taħt il-kundizzjonijiet iddefiniti mil-leġiżlazzjoni federali u fil-Kapitolu Va;

3° Servizz bla ħlas ta' prevenzjoni ta' riskji fil-qasam tal-użu tal-gass naturali, għall-benefiċċju tal-konsum domestiku li jagħmel talba għalih […]"

14. Artikolu 18a ġdid ġie miżjud fid-Digriet dwar il-Gass fl-2006 [11] żied l-Artikolu 18a ġdid fid-Digriet dwar il-Gass. Fil-verżjoni fis-seħħ fid-data tal-opinjoni motivata dan kien jipprovdi kif ġej:

"§ 1. L-amministratur tan-netwerk huwa barra minn hekk responsabbli mill-missjonijiet ta' servizz pubbliku li ġejjin:

1° l-organizzazzjoni ta' servizz ta' tkomplija tar-relazzjoni mal-konsumatur u tal-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' prezz u l-kundizzjonijiet ta' konnessjoni, għall-benefiċċju tal-klijenti residenzjali […]"

15. L-Artikolu 20 tad-Digriet dwar il-Gass jistabbilixxi taxxa intiża sabiex tiffinanzja l-eżerċizzju tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku msemmija fl-Artikoli 18 u 18a (iktar 'il quddiem il-"kontribuzzjoni reġjonali tal-gass"). Għal iktar faċilità, il-kontribuzzjoni reġjonali tal-elettriku u l-kontribuzzjoni reġjonali tal-gass flimkien ser jiġu indikati iktar 'il quddiem bħala "l-kontribuzzjonijiet reġjonali".

9 — Id-digriet tal-20 ta' Lulju 2011 li jemenda d-Digriet dwar l-Elettriku tad-19 ta' Lulju 2001 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali u d-digriet tat-12 ta' Diċembru 1991 li joħloq fondi baġitarji (*Moniteur belge* tal-10 ta' Awwissu 2011, p.45558) ħassar l-Artikolu 26(9) tad-Digriet dwar l-Elettriku.

10 — *Moniteur belge* tas-26 ta' April 2004, p.34281.

11 — Dan l-Artikolu 18a ġie introdott fid-Digriet dwar il-Gass permezz tad-digriet tal-14 ta' Diċembru 2006 li jemenda d-digrieti tad-19 ta' Lulju 2001 u tal-1 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku u tal-gass fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali u li jħassar id-digriet tal-11 ta' Lulju 1991 dwar id-dritt għall-provvista minima tal-elettriku u d-digriet tal-11 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi miżuri ta' prevenzjoni ta' qtugħ ta' gass għal użu domestiku (*Moniteur belge* tad-9 ta' Jannar 2007, p.537).

16. L-Artikolu 20 tad-Digriet dwar il-Gass [12] jipprovdi li "l-ispejjeż marbuta mal-missjonijiet ta' servizz pubbliku imsemmija fl-Artikoli 18 u 18a għandhom jitħallsu mill-amministratur tan-netwerk, bħala spejjeż tal-operat. Il-konsegwenzi ta' dawn l-ispejjeż fuq it-tariffi huma rregolati mil-leġiżlazzjoni federali".

17. Fl-2011, l-Artikolu 20 tad-Digriet dwar il-Gass tħassar u ġie introdott artikolu ġdid, l-Artikolu 20f [13]. Skont l-Artikolu 20f tad-Digriet dwar il-Gass,

"§ 1. Iż-żamma ta' liċenzja għal provvista maħruġa abbażi tal-Artikolu 15 [14] tagħti lok għall-ġbir ta' dazju kull xahar li għandu jitħallas mill-persuna fiżika jew ġuridika li tibbenefika mill-imsemmija liċenzja iktar 'il quddiem imsejħa l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa.

§ 2. Id-dazju huwa dovut fl-1 jum ta' kull xahar. Għandu jitħallas sal-15-il jum tax-xahar segwenti.

§ 3. Bla ħsara għal dak ippreċiżat fit-tieni paragrafu, id-dazju huwa kkalkolat abbażi tal-kejl tal-meters użati mill-amministratur tan-netwerk, f'siti ta' konsum li jinsabu fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, għand il-klijenti finali. Il-kejl tal-meter huwa ddeterminat mill-ħruġ massimu tal-gass speċifikat f'metri kubi kull siegħa li għalih il-meter kien maħsub […].

§ 7. Id-dħul mid-dazju jiġi assenjat għall-fondi previsti rispettivament fil-punti 15 u 16 tal-Artikolu 2 tad-digriet tat-12 ta' Diċembru 1991 li joħloq fondi baġitarji […];

§ 8. Id-dazju huwa dovut minn Jannar 2012."

18. L-Artikolu 20f(4) tad-Digriet dwar il-Gass jistabbilixxi skala tal-kontribuzzjoni reġjonali tal-gass, li tixbah dik prevista fl-Artikolu 26(4) tad-Digriet dwar l-Elettriku.

II – **Il-proċedura prekontenzjuża**

19. Il-Kummissjoni, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, li għandhom is-sede tagħhom fi Brussell, kellhom sal-31 ta' Lulju 2009 lill-kumpannija Electrabel bħala fornitur tal-elettriku u tal-gass. Il-kuntratt iffirmat ma' Electrabel (iktar 'il quddiem il-"kuntratt Electrabel") kien jistipula li l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet reġjonali, li Electrabel kienet responsabbli għall-ħlas tagħhom skont l-Artikolu 26 tad-Digriet dwar l-Elettriku u tal-Artikoli 20, u mbagħad 20f tad-Digriet dwar il-Gass, kienu pagabbli mill-Unjoni. Dawn kienu jitħallsu lil Electrabel, li mbagħad kienet tittrasferixxihom lill-awtoritajiet tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali.

20. Issa, f'Lulju 2005, peress li l-Kummissjoni kkunsidrat li hija kienet eżentata mill-kontribuzzjonijiet reġjonali skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll, hija waqfet milli tħallas il-kontribuzzjonijiet reġjonali lil Electrabel. B'mod parallel hija talbet lill-awtoritajiet tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, b'mod informali, li jeżentaha mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet reġjonali.

12 — Kif emendat bid-digriet tal-14 ta' Diċembru 2006 ċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

13 — Permezz tad-digriet tal-20 ta' Lulju 2011 li jemenda d-Digriet dwar il-Gass (*Moniteur belge* tal-10 ta' Awwissu 2011, p.45586).

14 — L-Artikolu 15 tad-Digriet dwar il-Gass jipprovdi li "l-forniturі għandhom liċenżja għal provvista sabiex jipprovdu l-gass lill-klijenti eliġibbli f'sit ta' konsum li jinsab fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali […]".

21. Peress li dawn il-kuntatti informali ma ħallewx frott, fis-27 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Renju tal-Belġju, li fiha hija allegat li dan kien qed jikser it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, billi applika għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni l-Artikolu 26 tad-Digriet dwar l-Elettriku u l-Artikolu 20 tad-Digriet dwar il-Gass. Permezz ta' ittra tad-9 ta' Settembru 2008, irċevuta fil-15 ta' Settembru 2008, ir-Renju tal-Belġju ppreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-ewwel ittra ta' intimazzjoni.

22. Fil-15 ta' April 2009, il-Kummissjoni bagħtet it-tieni ittra ta' intimazzjoni lir-Renju tal-Belġju, li tissostitwixxi l-ewwel waħda, minħabba ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. It-tieni ittra ta' intimazzjoni hija kważi identika għall-ewwel waħda, ħlief li l-Kummissjoni donnha tikkunsidra li kien mill-2001 u mhux, bħal fl-ewwel ittra ta' intimazzjoni, mill-2004, li r-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu [15].

23. Fit-22 ta' April 2011, il-Kummissjoni ppreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza ta' Brussell kontra l-Istat tal-Belġju, ir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, Electrabel u Sibelga, l-amministratur tan-netwerk ta' distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali. Hija talbet ir-rimbors tal-kontribuzzjonijiet reġjonali li hija ħallset bejn l-1 ta' Lulju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2008 [16], jiġifieri s-somma ta' EUR 4036170.88, bla ħsara għaż-żieda għall-perijodi sussegwenti [17].

24. Fit-tmiem tal-kuntratt Electrabel, l-istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni kkonkludew kuntratt ma' fornitur ieħor tal-elettriku u tal-gass, il-kumpannija Luminus (iktar 'il quddiem il-"kuntratt Luminus"). Għall-kuntrarju tal-kuntratt Electrabel, il-kuntratt Luminus ma jipprovdix li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet reġjonali. Madankollu, permezz ta' tliet ittri tat-13 ta' Mejju 2011, tal-21 ta' Ottubru 2011 u tat-2 ta' Lulju 2013, Luminus talbet lill-Unjoni r-rimbors tal-kontribuzzjonijiet reġjonali li hija ħallset, jiġifieri s-somma ta' EUR 2235404.51 u intimatha għar-rimbors tagħhom minn dak il-jum sal-4 ta' Awwissu 2014 [18].

25. Permezz tal-opinjoni motivata tas-27 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni indikat lir-Renju tal-Belġju li, billi rrifjuta li jeżenta lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni mill-kontribuzzjonijiet reġjonali previsti fl-Artikolu 26 tad-Digriet dwar l-Elettriku u l-Artikolu 20 tad-Digriet dwar il-Gass, huwa kiser it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. Permezz ta' ittra tat-23 ta' April 2012, ir-Renju tal-Belġju ppreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-opinjoni motivata.

26. Peress li l-Kummissjoni ma kinitx konvinta mill-argumenti tar-Renju tal-Belġju, u peress li dan ma biddilx il-pożizzjoni tiegħu, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.

III – **Ir-rikors tal-Kummissjoni**

27. Il-Kummissjoni tallega li r-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, billi rrifjuta lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni l-eżenzjoni mill-kontribuzzjonijiet reġjonali previsti fl-Artikolu 26 tad-Digriet dwar l-Elettriku u fl-Artikolu 20 tad-Digriet dwar il-Gass, u billi oppona r-rimbors ta' dawn il-kontribuzzjonijiet mir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali.

15 — Fil-fatt, it-tieni ittra ta' intimazzjoni tirreferi għal ittra li fiha l-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali r-rimbors tal-kontribuzzjonijiet reġjonali "sa mill-istabbiliment tagħhom fl-2001". Madankollu, nirrileva li l-Kummissjoni tikkonkludi t-tieni ittra ta' intimazzjoni (bħall-ewwel ittra ta' intimazzjoni, l-opinjoni motivata u r-rikors) bil-konstatazzjoni li r-Renju tal-Belġju kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, billi ma eżentax lill-Unjoni "mill-kontribuzzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26 tad-[Digriet dwar l-Elettriku], kif ukoll fl-Artikolu 20 tad-[Digriet dwar il-Gass]". Madankollu, l-Artikolu 26(8) tad-Digriet dwar l-Elettriku jipprovdi li "d-dazju huwa dovut minn Jannar 2004", u d-Digriet dwar il-Gass ġie adottat fl-2004.

16 — F'Settembru 2008, il-Kummissjoni kienet reġgħet bdiet tħallas il-kontribuzzjonijiet reġjonali lil Electrabel u rrimborsatha l-ammont ta' kontribuzzjonijiet reġjonali li ma kinitx ħallset minn Lulju 2005.

17 — Il-kawża tinsab pendenti u s-sottomissjonijiet orali kellhom isiru fil-21 ta' Mejju 2015.

18 — Ma nidħolx jekk l-Unjoni għamlitx dan, u jekk dan ma huwiex il-każ, jekk Luminus fittxithiex għall-ħlas, kif hija heddet li tagħmel.

28. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kundizzjonijiet tal-immunità mit-taxxi indiretti previsti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, huma ssodisfatti: il-provvista tal-elettriku u tal-gass tikkostitwixxi xirja sostanzjali magħmula għall-użu uffiċjali tal-Unjoni.

29. Il-Kummissjoni ssostni li s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-437/04, EU:C:2007:178), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet warrbet l-immunità għar-raġuni li l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa inkwistjoni ma kinitx l-Unjoni, iżda l-parti kontraenti tagħha, ma hijiex trasponibbli għal din il-kawża. Fil-fatt, din is-sentenza tirrigwarda taxxa diretta, filwaqt li l-kontribuzzjonijiet reġjonali jikkostitwixxu taxxa indiretta. Skont il-Kummissjoni, jekk l-Unjoni ma hijiex il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet reġjonali, fil-prattika dawn jgħaddu fuqha, minħabba n-natura tagħhom ta' taxxa indiretta u l-intenzjoni tal-leġiżlatur Belġjan.

30. Fir-rigward tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, li jeskludi l-eżenzjoni mit-taxxi li jikkostitwixxu "biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika", skont il-Kummissjoni dan ma japplikax għal din il-kawża. Minn naħa waħda, is-servizzi pubbliċi pprovduti, jew li jistgħu jiġu pprovduti, lill-Unjoni, ma humiex speċifiċi għaliha, kif teħtieġ il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Min-naħa l-oħra, ir-rabta diretta u proporzjonali bejn l-ispiża reali tas-servizz u l-ammont tal-kontribuzzjonijiet reġjonali, meħtieġa mill-ġurisprudenza, hija nieqsa.

31. Il-Kummissjoni titlob sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għal nuqqas ta' twettiq tal-obbligu taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. Hija titlob ukoll li r-Renju tal-Belġju jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

32. Fir-risposta tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ma jistgħux jiġu eżentati mill-kontribuzzjonijiet reġjonali abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. Huwa jsostni li s-soluzzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-437/04, EU:C:2007:178) għandha tiġi trasposta għal din il-kawża, għaliex l-Unjoni ma hijiex il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet reġjonali, li la d-Digriet dwar l-Elettriku u lanqas id-Digriet dwar il-Gass ma jimponi lill-persuna responsabbli mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet li tgħaddihom fuq il-klijent finali u li l-konsegwenza fuq l-Unjoni hija għalhekk strettament kuntrattwali. Sussidjarjament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll japplika għall-kontribuzzjonijiet reġjonali, ir-Renju tal-Belġju jikkunsidra li l-eżenzjoni għandha tiġi rrifjutata abbażi tat-tielet paragrafu ta' din id-dispożizzjoni. Ir-Renju tal-Belġju jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad ir-rikors bħala infondat u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

33. Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni tinsisti li l-fornitur jew l-amministratur tan-netwerk, jekk huwa l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-kontribuzzjonijiet reġjonali, jiżgura biss il-ġbir tagħhom u jittrasferixxi l-ħlas fuq il-klijent finali. Għal dak li jikkonċerna t-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, il-Kummissjoni tenfasizza li l-Unjoni ma tista' tibbenefika minn ebda missjoni ta' servizz pubbliku ffinanzjat mill-kontribuzzjoni reġjonali tal-gass, peress li dawn huma intiżi esklużivament għall-konsum domestiku, u li l-missjonijiet ta' servizz pubbliku ffinanzjati mill-kontribuzzjoni reġjonali tal-elettriku, la jikkostitwixxu servizzi u lanqas huma mogħtija lilha speċifikament.

34. Fil-kontroreplika tiegħu, ir-Renju tal-Belġju enfasizza b'mod partikolari li ma huwiex importanti li jiġi stabbilit jekk il-kontribuzzjonijiet reġjonali jikkostitwixxux taxxa diretta jew taxxa indiretta, peress li għall-kuntrarju ta' dak sostnut mill-Kummissjoni, it-taxxi indiretti kollha ma humiex ittrasferiti fuq il-klijent finali.

V – **Evalwazzjoni**

35. Jidhirli li huwa utili, qabel nibda l-eżami tal-argumenti tal-Kummissjoni, li nfakkar fil-qosor l-istruttura tal-Artikolu 3 tal-Protokoll sabiex nippreċiża liema huma l-elementi li jikkostitwixxu l-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tar-Renju tal-Belġju.

A – *Fuq l-istruttura tal-Artikolu 3 tal-Protokoll*

36. L-Artikolu 3 tal-Protokoll jagħmel distinzjoni bejn taxxi diretti u taxxi indiretti. Kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, dawk tal-ewwel huma s-suġġett ta' eżenzjoni "inkundizzjonatament u b'mod ġenerali", filwaqt li l-immunità fiskali li minnha jibbenefikaw tat-tieni "mhijiex illimitata"[19]. Fil-fatt, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, jipprovdi li "[l]-Unjoni, l-assi, id-dħul finanzjarju u proprjetà oħra tagħha ikunu eżenti minn kull taxxa diretta": mingħajr ebda eċċezzjoni għall-eżenzjoni. Min-naħa l-oħra, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll jipprovdi li għandhom "jirrinunzjaw għal jew iħallsu lura l-ammont ta' taxxi indiretti jew taxxi fuq il-bejgħ inklużi fil-prezz ta' proprjetà mobbli jew immobbli, meta l-Unjoni tagħmel, għall-użu uffiċjali tagħha, xirjiet sostanzjali". Dan jippreċiża wkoll li "[d]awn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw […] b' mod li jkollhom l-effett li jfixklu l-kompetizzjoni fi ħdan l-Unjoni". Għalhekk l-eżenzjoni mit-taxxi indiretti tingħata biss jekk tissodisfa tliet kundizzjonijiet: l-ewwel nett, it-taxxi indiretti għandhom jitħallsu għal xirja sostanzjali; it-tieni nett, din ix-xirja għandha titwettaq mill-Unjoni għall-użu uffiċjali tagħha; it-tielet nett, l-eżenzjoni ma għandhiex ikollha effetti fuq il-kompetizzjoni[20].

37. Fir-rigward tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, huwa jipprovdi li "[l]-ebda eżenzjoni m'għandha tingħata" għal taxxi li jikkostitwixxu "biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika".

38. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza AGF Belgium li, "l-eċċezzjonijiet imsemmija fit-tieni u fit-tielet paragrafi tal-Artikolu 3 biss […], [l]-immunità tirrigwarda kull tip ta' taxxa, diretta jew indiretta"[21].

39. Nenfasizza li l-kunċett ta' taxxa fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, kemm fir-rigward ta' "taxxa diretta" msemmija fl-ewwel paragrafu tiegħu, jew id-"taxxi indiretti [u] taxxi fuq il-bejgħ" imsemmija fit-tieni paragrafu, huwa suġġett għal interpretazzjoni awtonoma. Fil-fatt il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-istess sentenza AGF Belgium, li l-Artikolu 3 tal-Protokoll kien applikabbli għal primjums tal-assigurazzjoni addizzjonali, "tkun xi tkun il-klassifikazzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali" (f'dak il-każ, il-qorti tar-rinviju kienet indikat li jidhrilha li l-primjums addizzjonali inkwistjoni kienu jixbhu iktar kontribuzzjonijiet soċjali milli miżuri fiskali)[22].

19 — Sentenza Komunità Ewropea (C-199/05, EU:C:2006:678, punt 31).

20 — Nippreċiża li r-rinunzja jew ir-rimbors tat-taxxi indiretti u tat-taxxi fuq il-bejgħ li jipprevedi t-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll japplikaw għal kull tip ta' xiri, inkluż għall-provvista ta' servizzi (sentenza AGF Belgium, C-191/94, EU:C:1996:144, punt 36).

21 — C-191/94, EU:C:1996:144, punt 20.

22 — *Ibidem* (punt 16): "*tkun xi tkun il-klassifikazzjoni legali tagħhom fid-dritt nazzjonali*, it-taxxi inkwistjoni ma jistgħux jiġu assimilati mal-kontribuzzjonijiet li huma dovuti mill-persuni suġġetti għal sistema ta' sigurtà soċjali jew membri ta' korp soċjali […]" (enfasi magħmula minni). Kif enfasizza l-Avukat Ġenerali Jacobs, "il-klassifikazzjoni ta' taxxa fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali hija rrilevanti. It-termini 'imposti', 'taxxi' jew 'dazji' użati fl-Artikolu 3 għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-aċċettazzjoni normali tagħhom u fid-dawl tal-għan tad-dispożizzjoni. Dan huwa l-uniku approċċ li jiżgura effett sħiħ u applikazzjoni uniformi" (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża AGF Belgium, C-191/94, EU:C:1996:53, punt 17). Ara wkoll, fir-rigward tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 (l-attwali) tal-Protokoll, dwar l-eżenzjoni fiskali tal-uffiċjali, is-sentenza Humblet vs L-Istat Belġjan (6/60 IMM, EU:C:1960:48): "huwa mistenni li, mill-perspettiva tad-dritt applikabbli, il-problema ġenerali għandha tiġi solvuta skont id-dritt tal-Komunità […], u mhux skont id-dritt Belġjan". Bl-istess mod, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-437/04, EU:C:2007:178, punti 44 sa 46), il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti interpretazzjoni awtonoma tal-kunċett ta' "taxxa diretta" fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll.

40. L-"eċċezzjoni" tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Protokoll imsemmija fit-tielet paragrafu tiegħu hija "biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika". Fil-fatt, it-tielet paragrafu jiddefinixxi b'mod negattiv il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, billi jeskludi minnu tariffi għal servizzi ta' utilità pubblika. F'dan ir-rigward nirrileva, li, jekk tali miżuri huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3, dan għaliex huwa jipprovdi immunità fiskali u li taxxi li jiġu kklassifikati bħala "ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika" ma jistgħux ikunu ta' natura fiskali. Fil-fatt, il-kunċett ta' korrispettiv — ta' "ħlasijiet" — huwa fil-prinċipju estranju għal dak tat-taxxa [23].

41. L-"eċċezzjoni" għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Protokoll imsemmija fit-tieni paragrafu tiegħu tidher li teħtieġ li t-taxxi indiretti "inklużi fil-prezz ta' proprjetà mobbli jew immobbli" mixtrija mill-Unjoni: it-taxxa indiretta għandha tiġi integrata mal-prezz tal-proprjetà. Fil-fatt, il-kundizzjonijiet relatati mal-importanza u l-iskop tax-xirja (l-użu uffiċjali tal-Unjoni) jirrigwardaw ix-xirja *partikolari* li fil-mument tagħha tinġabar it-taxxa indiretta, u mhux in-natura tat-taxxa nnifisha: dawn għalhekk huma kundizzjonijiet sostantivi tal-immunità, u mhux tal-applikabbiltà tagħha [24]. Bl-istess mod, l-assenza ta' effetti fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern ma tistax titqies li hija kundizzjoni sostantiva.

42. Nenfasizza li ma jeżistux iktar esklużjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Protokoll ħlief dawk imsemmija fiż-żewġ punti preċedenti. Fil-fatt, fis-sentenza AGF Belgium, il-Qorti tal-Ġustizzja tipprečiża li l-Artikolu 3 tal-Protokoll huwa applikabbli għal "kull tip ta' tassazzjoni", "ħlief għall-*uniċi* eċċezzjonijiet" previsti fit-tieni u fit-tielet paragrafu ta' din id-dispożizzjoni [25]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiġġustifika n-natura esklużiva ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet bil-formulazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, li fl-opinjoni tagħha, jiddefinixxi l-immunità "f'termini wiesgħa ħafna" [26]. Barra minn hekk, jidhirli li proprju għaliex huma espressament iddikjarati li dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet huma l-uniċi eċċezzjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. Fil-fatt, jekk l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kellha tkun li l-Artikolu 3 tal-Protokoll jippermetti eċċezzjonijiet oħra, huwa kien jipprovdi espressament dawn l-eċċezzjonijiet l-oħra, kif għamel għall-ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika u t-taxxi indiretti li ma humiex integrati fil-prezz tal-proprjetà mixtrija.

B – *Fuq l-elementi li jikkostitwixxu nuqqas ta' twettiq ta' obbligu*

43. Il-Kummissjoni ssostni li, billi rrifjuta li jagħti lill-Unjoni l-immunità mill-kontribuzzjonijiet reġjonali, ir-Renju tal-Belġju kiser l-obbligi tiegħu taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll.

44. Għalhekk hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi li l-kontribuzzjonijiet reġjonali jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. Hija għandha turi li l-kontribuzzjonijiet reġjonali huma "inklużi fil-prezz" irregolat mill-Unjoni għall-provvista tal-elettriku u tal-gass, u li din il-provvista tikkostitwixxi xirja "sostanzjali" magħmula għall-"użu uffiċjali" tagħha, u ma għandhiex l-effett li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

23 — Kif jirrileva l-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża AGF Belgium, "il-ħlasijiet għal servizz ta' utilità pubblika jikkostitwixxu l-prezz imħallas għal servizz partikolari. Teżisti rabta diretta bejn il-ħlasijiet u s-servizz irċevut […]. Issa, dan ma huwiex il-każ ta' taxxa, fejn ir-rabta bejn il-ħlas u kull servizz iriċevut hija indiretta u remota" (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża AGF Belgium (C-191/94, EU:C:1996:53, punti 31 u 32). Id-distinzjoni bejn taxxi u tariffi għal servizzi mogħtija hija barra minn hekk irrikonoxxuta fid-dritt fiskali tal-Istati Membri: ara, fuq dan is-suġġett, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Roemer fil-kawża Van Leeuwen (32/67, EU:C:1968:2), li tenfasizza li d-distinzjoni bejn it-taxxi u t-tariffi li huma biss il-korrispettiv għal servizzi mogħtija mill-istituzzjonijiet pubbliċi hija rrikonoxxuta fid-dritt Olandiż, Ġermaniż, Taljan u Belġjan; ara għad-dritt Franċiż, Lamarque, J., Négrin, O., u Ayrault, L., *Droit fiscal général*, it-Tielet Edizzjoni, LexisNexis, 2014, paragrafi 94 *et seq*.

24 — Jekk ix-xiri huwa ta' valur negliġibbli u l-immunità tiġi rrifjutata għal din ir-raġuni, it-taxxa inkwistjoni ma titlifx madankollu n-natura fiskali tagħha: l-Artikolu 3 tal-Protokoll huwa applikabbli għaliha. L-immunità hija sempliċement irrifjutata għaliex it-tranżazzjoni ma tissodisfax waħda mill-kundizzjonijiet sostantivi tat-tieni paragrafu tiegħu, jiġifieri, xirja "sostanzjali".

25 — C-191/94, EU:C:1996:144, punt 20 (enfasi magħmula minni).

26 — *Ibidem* (punt 19).

45. Ir-Renju tal-Belġju joġġezzjona li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll huwa applikabbli unikament għat-taxxi li skont id-dritt nazzjonali, l-Unjoni hija responsabbli għall-ħlas tagħhom. Konsegwentement, meta, bħal f'dan il-każ, huwa skont kuntratt konkluż mal-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa li l-Unjoni tbati l-oneru tagħha, din it-taxxa hija eskluża mill-immunità prevista fl-Artikolu 3 tal-Protokoll. Hija għalhekk il-Kummissjoni wkoll li għandha turi li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll japplika għat-taxxi mħallsa mill-Unjoni meta ma hijiex il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa.

46. Sussidjarjament, ir-Renju tal-Belġju joġġezzjona li l-kontribuzzjonijiet reġjonali jikkostitwixxu biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, u li għalhekk ma jibbenefikawx mill-immunità prevista fit-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu. Hija għalhekk il-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi li l-kontribuzzjonijiet reġjonali ma jikkostitwixxux biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika [27].

47. Huwa diffiċli li jiġi kkontestat li t-tliet rekwiżiti tal-immunità mit-taxxi indiretti huma, f'dan il-każ, issodisfatti; barra minn hekk, ir-Renju tal-Belġju ma jikkontestax li dawn huma ssodisfatti. Għalhekk ser neżamina fil-qosor ħafna dawn it-tliet kundizzjonijiet, qabel ma ndur lejn il-kwistjonijiet li huma s-suġġett ta' dibattitu bejn il-partijiet. Minn naħa waħda, dawn jirrigwardaw l-applikabbiltà tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll għat-taxxi li jitħallsu mill-Unjoni mingħajr ma hija responsabbli għall-ħlas tagħhom, kwistjoni li tinsab fil-qalba tas-sottomissjonijiet bil-miktub kemm tal-Kummissjoni kif ukoll dawk tar-Renju tal-Belġju; min-naħa l-oħra, u bħala tweġiba għall-argument ippreżentat, sussidjarjament mir-Renju tal-Belġju, dwar il-klassifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet reġjonali bħala biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll.

C – *Fuq il-kundizzjonijiet għall-immunità previsti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll*

48. Infakkar li l-immunità mit-taxxi indiretti hija mogħtija biss jekk dawn jitħallsu waqt xirja sostanzjali, jekk din ix-xirja sseħħ mill-Unjoni għall-użu uffiċjali tagħha, u jekk l-immunità ma jkollhiex l-effett li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

49. Jiena ma għandix dubju li dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfatti f'dan il-każ.

50. Fil-fatt, il-provvista tal-elettriku u tal-gass lill-erba' istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni hija mingħajr dubju xirja sostanzjali; infakkar li t-tilwima pendenti quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza ta' Brussell, dwar il-kuntratt Electrabel, tirrigwarda somma li taqbeż l-EUR 4 miljun, u li s-somma li Luminus titlob il-ħlas mingħand l-Unjoni hija iktar minn EUR 2 miljun. Jidhirli wkoll li x-xirja hija mingħajr kontestazzjoni għall-użu uffiċjali tal-Unjoni: mingħajr elettriku u gass, l-uffiċjali u l-membri tal-persunal tal-Unjoni ma jistgħux jaħdmu [28].

27 — F'dan ir-rigward, nippreċiża li l-klassifikazzjoni sostnuta fid-dritt Belġjan għall-kontribuzzjonijiet reġjonali ma hija ta' ebda sigurtà għall-Kummissjoni, sa fejn il-kunċett ta' taxxa fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, kif ġie osservat, huwa suġġett għal interpretazzjoni awtonoma. Għalhekk ftit huwa importanti li d-dritt Belġjan donnu jikkunsidra l-kontribuzzjoni reġjonali tal-gass bħala taxxa pjuttost milli bħala tariffa għal servizzi mogħtija, għar-raġuni li, sabiex hija tkun tista' tiġi kklassifikata bħala tariffa għal servizzi pprovduti, huwa meħtieġ li s-servizz jibbenefika lill-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa meqjusa individwalment, li ma huwiex il-każ. Ara l-opinjoni mogħtija mill-Kunsill tal-Istat Belġjan dwar l-abbozz preliminari tad-digriet dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, il-Parlament ta' Brussell-Kapitali, dokumenti parlamentari, sessjoni 2000/2001, Dokument Nru A-192/1-00/01, p. 64.

28 — Ara, dwar l-"użu uffiċjali" ta' xirjiet imwettqa magħmula mill-Unjoni, Claudia Schmidt, "Le protocole sur les privilèges et immunités des Communautés européennes – Commentaire de l'article 218 du Traité de Rome et de l'article 28, premier alinéa, du traité de fusion", *Cahiers de droit européen*, 1991, p. 67 sa 100, punt 17; u Jean Duffar, *Contribution à l'étude des privilèges et immunités des organisations internationales*, Pariġi, LGDJ, 1982, Kapitolu VII, p. 291 u 292, punt 341.

51. Fir-rigward tat-tielet kundizzjoni, dwar l-effetti fuq il-kompetizzjoni, din lanqas kienet ġiet indirizzata mill-partijiet. Mill-bqija jidhirli li din tista' tiġi konfuża mat-tieni kundizzjoni, dwar l-użu uffiċjali tax-xirja: meta l-Unjoni tixtri proprjetà mobbli jew immobbli għall-użu uffiċjali tagħha, hija teżerċita attività mingħajr skop ta' lukru, u tali attività ma jistax ikollha effett fuq il-kompetizzjoni [29].

52. Fl-aħħar nett nenfasizza li t-tliet kundizzjonijiet eżaminati hawn fuq huma l-uniċi previsti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. Fil-fatt, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, fis-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Belġju u Il-Komunità Ewropea, li l-Kummissjoni stabbilixxiet biss li r-rifjut tal-immunità jippreġudika l-indipendenza u l-funzjonament tajjeb tal-Unjoni, hija għamlet dan għall-finijiet ta' kompletezza, wara li eskludiet l-immunità għal raġunijiet oħra [30]. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkunsidrax il-preġudizzju għall-indipendenza jew għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni bħala kundizzjoni addizzjonali għall-immunità.

D – *Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 3 tal-Protokoll għat-taxxi li l-Unjoni tħallas meta ma hijiex il-persuna responsabbli għall-ħlas tagħhom fid-dritt nazzjonali*

53. Ir-Renju tal-Belġju jallega li huwa ma naqasx milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, għaliex dan japplika biss għat-taxxi li l-Unjoni hija l-persuna responsabbli għall-ħlas tagħhom fid-dritt nazzjonali. Madankollu, dan ma huwiex il-każ tal-kontribuzzjonijiet reġjonali. Jekk l-Unjoni tħallas, skont ir-Renju tal-Belġju dan huwa skont il-kuntratt li jorbotha mal-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa; minħabba li l-Unjoni aċċettat ir-riperkussjoni.

54. F'dan ir-rigward, ir-Renju tal-Belġju jibbaża ruħu fuq is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju [31]. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll ma jipprevedi ebda eżenzjoni għall-benefiċċju tal-partijiet kontraenti tal-Unjoni. Minn dan hija ddeduċiet li, billi rrifjuta li jeżenta lill-Unjoni minn taxxa reġjonali fuq proprjetà immobbli li l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa kienet il-proprjetarja tal-immobbli u li kienet titħallas mill-Unjoni abbażi ta' kuntratt ta' kirja, ir-Renju tal-Belġju ma kienx naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. Ir-riperkussjoni tat-taxxa fuq l-Unjoni kienet operata permezz ta' kuntratt; għalhekk kienet liberament aċċettata mill-Kummissjoni.

55. Issa, f'dan il-każ, il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjoni reġjonali tal-elettriku hija skont l-Artikolu 26(1) tad-Digriet dwar l-Elettriku, il-fornitur tal-elettriku, li jixtrih mingħand il-produttur u jerġa' jbigħu. Il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjoni reġjonali tal-gass hija, skont l-Artikolu 20 tad-Digriet dwar il-Gass, l-amministratur tan-netwerk ta' distribuzzjoni, imbagħad sa mill-2011, skont l-Artikolu 20f(1) il-fornitur tal-gass li jixtrih mingħand importaturi u jerġa' jbigħu. Huwa għalhekk abbażi tal-kuntratti li jorbtuha mal-persuni responsabbli għall-ħlas tat-taxxa li l-Unjoni tħallas il-kontribuzzjonijiet reġjonali. Għalhekk, Electrabel, li kienet il-fornitur tal-elettriku tal-Kummissjoni, tal-Kunsill, tal-Parlament u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali sal-31 ta' Lulju 2009, u

29 — Ara Jean Duffar, iċċitat fin-nota preċedenti, punt 339: "ix-xewqa li ma tiġix distorta l-kompetizzjoni hija espressament prevista fit-[tieni] paragrafu tal-Artikolu 3 tal-[Protokoll]. L-eżenzjoni għandha tkun limitata għall-attivitajiet li huma s-suġġett tal-organizzazzjoni u mill-mument li jinqabżu l-limiti ta' dan is-suġġett, l-eżenzjoni titlef is-sinjifikat tagħha".

30 — Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-eżenzjoni għandha tiġi rrifjutata għar-raġuni li ma tistax tibbenefika minnha parti kontraenti tal-Unjoni, u huwa biss sussegwentement li hija ppreċiżat li tali konklużjoni "ma tistax tiġi invalidata" mill-iskop tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, jiġifieri l-garanzija tal-indipendenza u tal-funzjonament tajjeb tal-Unjoni, (C-437/04, EU:C:2007:178, punti 55 u 56). Fis-sentenza Komunità Ewropea, huwa "fi kwalunkwe każ" li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-Kummissjoni stabbilixxiet biss li l-ħlas tad-dazju inkwistjoni jista' jippreġudika l-indipendenza u l-funzjonament tajjeb tal-Unjoni (C-199/05, EU:C:2006:678, punt 43).

31 — C437/04, EU:C:2007:178, punti 50 u 51.

għadha sal-lum il-fornitur tal-gass tagħhom, ittrasferixxiet fuq l-Unjoni l-ammont ta' kontribuzzjonijiet reġjonali [32]. Min-naħa l-oħra, Luminus, li kienet il-fornitur tal-elettriku tagħhom bejn l-1 ta' Awwissu 2009 u l-31 ta' Lulju 2012 [33], ma ttrasferixxietx il-kontribuzzjonijiet reġjonali fuq l-Unjoni [34].

56. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li s-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju ma tistax tiġi trasposta għal din il-kawża. Hija ma tikkontestax li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet reġjonali hija, fid-dritt Belġjan, il-fornitur jew l-amministratur tan-netwerk ta' distribuzzjoni, u mhux l-Unjoni. Madankollu, hija ssostni, essenzjalment, li r-riperkussjoni tal-kontribuzzjonijiet reġjonali ma tirriżultax esklużivament minn libertà kuntrattwali tal-partijiet, peress li, minn naħa, ir-riperkussjoni tal-kontribuzzjonijiet reġjonali tikkorrispondi mal-intenzjoni tal-leġiżlatur Belġjan u, min-naħa l-oħra, il-kontribuzzjonijiet reġjonali, inkwantu taxxa indiretta, huma ttrasferiti fuq il-konsumatur. Għalhekk is-sitwazzjoni f'din il-kawża, li tirrigwarda taxxa indiretta, hija differenti minn dik li l-Qorti tal-Ġustizzja ltaqgħet magħha fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, li kienet tikkonċerna taxxa diretta. Li l-immunità tat-taxxi indiretti tiġi rrifjutata għar-raġuni li l-Unjoni ma hijiex il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa jwassal, fil-prattika, sabiex tiġi rrifjutata kważi dejjem l-immunità minn taxxi indiretti.

57. Nibda billi nistqarr li ma tantx jien konvint mill-argument tal-Kummissjoni li hija n-natura tat-taxxi indiretti li jiġu ttrasferiti. Il-kwistjoni ma hijiex jekk it-taxxi indiretti humiex, min-natura tagħhom, trasferibbli, iżda jekk it-taxxa indiretta inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-kontribuzzjonijiet reġjonali, hijiex trasferibbli.

58. Madankollu, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni li l-immunità ma tistax tiġi miċħuda għar-raġuni biss li l-Unjoni ma hijiex il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet reġjonali jistħoqqilha, fl-opinjoni tiegħi, li tkun segwita għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem.

59. Fl-ewwel lok, mill-formulazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll ma jirriżultax li, sabiex jibbenefikaw mill-immunità, it-taxxi indiretti u t-taxxi fuq il-bejgħ li huwa jipprevedi għandhom ikunu dovuti direttament mill-Unjoni. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jipprevedi, pereżempju, li "l-Gvernijiet tal-Istati Membri għandhom, kull meta jkun possibbli, jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jirrinunzjaw għal jew jirrimborsaw l-ammont ta' taxxi indiretti jew taxxi fuq il-bejgħ *li għalihom hija suġġetta l-Unjoni* meta tagħmel, għall-użu uffiċjali tagħha, xirjiet sostanzjali ta' proprjetà immobbli jew mobbli". Dan ma huwiex il-każ. Din id-dispożizzjoni teżiġi biss, kif osservajt, li t-taxxi indiretti jkunu "inklużi fil-prezz" imħallas mill-Unjoni, u li "l-prezz tagħhom [...] jinkludi" t-taxxi indiretti. Għalhekk huwa biżżejjed li l-Unjoni tħallas, fil-prattika, l-ammont ta' taxxi indiretti sakemm dawn jaqgħu taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, mingħajr ma huwa meħtieġ li l-Unjoni tkun il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa.

60. Fit-tieni lok, l-immunità ma tistax tiġi rrifjutata għar-raġuni biss li d-dritt nazzjonali ma jindikax lill-Unjoni bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa.

32 — Il-klawżola 4.2 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt konkluż mill-Kummissjoni ma' Electrabel għall-provvista tal-elettriku b'voltaġġ għoli tipprovdi li "l-prezzijiet tagħna tal-enerġija huma miżjuda […] bl-imposti, taxxi, tariffi, kontribuzzjonijiet, supplimenti u piżijiet imposti fuqna minn awtorità kompetenti, li aħna nistgħu jew għandna nittrasferixxu fuq il-klijenti tagħna, u li huma relatati jew jirriżultaw mill-kummerċ tagħna, fis-sens l-iktar wiesa' tat-terminu, tal-enerġija elettrika u tal-gass naturali, jew li jirriżultaw minn dan, bħat-tariffa għall-finanzjament tal-CREG, il-kontribuzzjoni federali intiża għall-finanzjament ta' ċerti obbligi ta' servizz pubbliku u l-kontribuzzjoni fuq l-enerġija".

33 — Għal voltaġġ għoli biss: għall-voltaġġ baxx (fir-rigward tal-Parlament, il-voltaġġ medju), Electrabel baqgħet il-fornitur tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Parlament sal-lum (mill-proċess ma jirriżultax li l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kellu kuntratt għal voltaġġ baxx).

34 — L-Artikolu 3.2 tal-kundizzjonijiet partikolari tal-kuntratt konkluż mal-Kummissjoni għall-provvista tal-elettriku b'voltaġġ għoli jipprovdi li "t-taxxi, it-tariffi u l-kontribuzzjonijiet reġjonali u federali oħra ma jistgħux jiġu ffatturati".

61. Fil-fatt, huwa d-dritt Belġjan li jiddefinixxi l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet reġjonali (il-fornitur tal-elettriku, l-amministratur tan-netwerk ta' distribuzzjoni, u sussegwentement il-fornitur tal-gass), kif ukoll il-bażi tagħhom (it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-elettriku, il-kejl tal-meters tal-gass), ir-rati tagħhom (il-valur f'euro li jikkorrispondi ma' kategorija ta' elettriku mogħtija għad-dispożizzjoni, jew mal-kejl tal-meter tal-gass) u l-eżenzjonijiet (l-eżenzjoni tal-enerġija miżmuma għad-dispożizzjoni tal-klijenti għan-netwerk ta' trasport bil-ferrovija tagħhom).

62. Konsegwentement, li l-immunità tiġi rrifjutata għar-raġuni li l-Unjoni ma hijiex il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa, kemm jekk din hija taxxa diretta jew taxxa indiretta, iwassal li l-Istat tas-sede jkun jista' jiddefinixxi l-kunċett ta' taxxa fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. Madankollu, kif osservajt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza AGF Belgium, li l-kunċett ta' taxxa huwa suġġett għal interpretazzjoni awtonoma [35].

63. Jibqa' li jiġi eżaminat l-argument tar-Renju tal-Belġju rigward in-natura kuntrattwali tar-riperkussjoni tal-kontribuzzjonijiet reġjonali fuq il-klijent finali. Fl-opinjoni tiegħi, f'dan ir-rigward, jeżistu raġunijiet b'saħħithom li jitfgħu dubju fuq in-natura strettament kuntrattwali tar-riperkussjoni tagħhom.

64. Qabelxejn, il-fakultà ta' riperkussjoni tal-kontribuzzjonijiet reġjonali hija espressament prevista fid-Digriet dwar l-Elettriku u fid-Digriet dwar il-Gass. L-Artikolu 20 tad-Digriet dwar il-Gass jipprevedi [36] li "r-riperkussjoni [tal-ispejjeż marbuta mal-missjonijiet ta' servizz pubbliku] fit-tariffi hija rregolata mil-leġiżlazzjoni federali". L-Artikolu 26(9) tad-Digriet dwar l-Elettriku jinkludi [37] dispożizzjoni simili. Il-kummentarju tal-artikoli tal-abbozz tad-Digriet dwar il-Gass jindika, fir-rigward tal-Artikolu 20 tiegħu, li dan "jipprovdi biss li l-ispiża relatata mal-eżerċizzju [tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku] titħallas mill-amministratur tan-netwerk li jista' *jintegraha*, bl-istess mod bħall-fatturi tal-ispejjeż ta' spejjeż oħra tiegħu, fil-proposta tariffarja li huwa jressaq quddiem il-[Kummissjoni li tirregola l-Elettriku u l-Gass], b'osservanza tad-digriet irjali li jorganizza l-istruttura tariffarja ġenerali tan-netwerks ta' distribuzzjoni" [38]. Id-digriet irjali tad-29 ta' Frar 2004 dwar l-istruttura tariffarja ġenerali u l-prinċipji ta' bażi u proċeduri fil-qasam ta' tariffi u ta' kontabbiltà tal-amministraturi tan-netwerks ta' distribuzzjoni tal-gass naturali attivi fit-territorju Belġjan [39] jipprevedi li "fil-fatturazzjoni tat-tariffi *huma integrati* l-intestaturi tariffarji marbuta mat-taxxa, ħlasijiet, ħlasijiet addizzjonali, kontribuzzjonijiet u remunerazzjonijiet […]. *Dawn jinkludu, jekk ikun il-każ*: 1° il-ħlasijiet addizzjonali, ħlasijiet jew remunerazzjonijiet fid-dawl tal-finanzjament tal-obbligi ta' servizz pubbliku […]" [40].

65. Imbagħad, nirrileva li skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tad-Digriet dwar l-Elettriku, il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa hija eżentata mill-kontribuzzjoni reġjonali tal-elettriku "għall-enerġija miżmuma għad-dispożizzjoni tal-klijenti għan-netwerk ta' trasport bil-ferrovija tagħhom". Fi kliem ieħor, din il-kontribuzzjoni ma hijiex dovuta meta l-klijent finali jopera netwerk ta' trasport bil-ferrovija: għalhekk il-leġiżlatur Belġjan tassew ħa inkunsiderazzjoni l-konsum, tal-inqas konsum wieħed partikolari (il-moviment tal-ferrovija). Mill-Artikolu 26(2) tad-Digriet dwar l-Elettriku, jista' jiġi dedott li l-kontribuzzjoni reġjonali tal-elettriku hija intiża sabiex tolqot il-konsum, jiġifieri li hija intiża sabiex tiġi ttrasferita fuq il-konsumatur finali.

35 — C-191/94, EU:C:1996:144, punt 16. Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 — Sat-tħassir tiegħu bid-digriet tal-20 ta' Lulju 2011 li jemenda d-Digriet dwar il-Gass, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 13.

37 — Sat-tħassir tiegħu bid-digriet tal-20 ta' Lulju 2011 li jemenda d-Digriet dwar l-Elettriku, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9.

38 — Parlament ta' Brussell-Kapitali, dokumenti parlamentari, sessjoni 2003/2004, dokument A-506/1-03/04, kummentarju tal-artikoli, Artikolu 20 (enfasi magħmula minni).

39 — *Moniteur belge* tal-11 ta' Marzu 2004, p.13656.

40 — Artikolu 9 (enfasi magħmula minni).

66. Fil-fatt, huwa partikolarment sinjifikattiv li, sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja għandha għarfien, persuna waħda responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet reġjonali, Luminus, aċċettat li ma tittrasferixxix il-kontribuzzjonijiet reġjonali fuq l-Unjoni. Il-Kummissjoni qalet li kellha tirrinunzja milli tinkludi fis-sejħiet għal offerti tagħha klawżola li tipprovdi n-nuqqas ta' riperkussjoni tal-kontribuzzjonijiet reġjonali fuq l-Unjoni, peress li ebda offerent ma kien lest li jaċċetta tali klawżola. Barra minn hekk, jekk Luminus aċċettat in-nuqqas ta' riperkussjoni tal-kontribuzzjonijiet reġjonali, skont il-Kummissjoni dan kien għaliex hija kienet konvinta, b'mod żbaljat, li dawn il-kontribuzzjonijiet ma kellhiex tħallashom hija stess. Barra minn hekk, Luminus sussegwentement talbet lill-Unjoni r-rimbors tal-kontribuzzjonijiet reġjonali.

67. Għalkemm huwa korrett li, bħala ma rrileva r-Renju tal-Belġju, il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa ma għandhiex l-obbligu li tittrasferixxi l-kontribuzzjonijiet reġjonali fuq il-klijent finali, xorta jibqa' l-fatt li, fl-assenza ta' riperkussjoni, il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa tibqa' obbligata li tħallas il-kontribuzzjonijiet reġjonali lill-awtoritajiet pubbliċi tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali.

68. Dwar dan il-punt, il-Kummissjoni ssostni li l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa li, fin-nuqqas ta' klawżola f'dan is-sens, ma tittrasferixxix il-kontribuzzjonijiet reġjonali fuq il-klijenti tagħha, ikollha diffikultà sabiex issostni l-piż ekonomiku, b'tali mod li ssib ruħha f'sitwazzjoni delikata. Ir-Renju tal-Belġju jwieġeb li, jekk dan kien il-każ, il-Kummissjoni kienet tat lil Luminus "kuntratt pubbliku li ma jilħaqx il-livell meħtieġ" u li hija ma tistax tibbaża ruħha fuq illegalità li tagħha hija l-awtur.

69. F'dan ir-rigward, jidhirli li huwa ċar li l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa li ma tittrasferixxix il-kontribuzzjonijiet reġjonali fuq il-klijenti tagħha ssib ruħha f'sitwazzjoni delikata. Huwa fl-interess tagħha li tittrasferixxihom, għaliex hija għandha obbligu li tħallashom lill-awtoritajiet pubbliċi, anki jekk ma tittrasferixxihomx. Jidher li għandha tittrasferixxi bilfors jekk trid tevita li ssib ruħha f'sitwazzjoni ekonomika diffiċli.

70. Fl-aħħar nett, nippreċiża li s-sitwazzjoni f'din il-kawża hija differenti minn dik li kellha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju.

71. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ġġustifikat ir-rifjut ta' eżenzjoni mit-taxxa reġjonali fuq proprjetà immobbli inkwistjoni minħabba n-natura kuntrattwali tar-riperkussjoni fuq l-Unjoni, li kienet timplika li l-Unjoni kienet libera li tirrifjuta r-riperkussjoni. Issa, f'din il-kawża, l-Unjoni ma jidhirlix li għandha, sabiex tirrifjuta r-riperkussjoni tal-kontribuzzjonijiet reġjonali, libertà paragunabbli ma' dik li hija kellha sabiex tirrifjuta r-riperkussjoni tat-taxxa reġjonali fuq proprjetà immobbli. Fil-fatt, għalkemm il-proprjetarju tal-immobbli kien għamel ir-riperkussjoni ta' din it-taxxa l-kundizzjoni sabiex jiffirma l-kuntratt tal-kera, mingħajr dubju l-Unjoni setgħet iddur lejn sidien il-kera oħra. Ikun iktar delikat għaliha li ddur lejn fornituri oħra tal-elettriku jew tal-gass, peress li għalkemm is-swieq tal-elettriku u tal-gass huma swieq ċertament miftuħin għall-kompetizzjoni, iżda ma għandhomx numru illimitat ta' operaturi.

72. Għalhekk huwa mingħajr kontradizzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tilqa' t-talba tal-Kummissjoni f'din il-kawża. Huwa minnu li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "kwalunkwe sitwazzjoni tas-suq li tkun ma tistax toħloq immunità fiskali". Jidhirli, madankollu, li din ma hijiex is-sitwazzjoni ekonomika tas-suq tal-elettriku u tal-gass, iżda n-natura tiegħu, ċertament miftuħa, iżda rregolata, li tillimita l-libertà tal-għażla tal-fornitur. Is-suq tal-elettriku u tal-gass ma jistax jiġi pparagunat mas-suq tal-proprjetà immobbli, inkwistjoni fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju.

73. Bħala konklużjoni intermedja, nikkunsidra li l-Kummissjoni stabbilit b'mod suffiċjenti fid-dritt li l-kundizzjonijiet tal-immunità previsti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll huma ssodisfatti.

E – *Fuq il-klassifikazzjoni bħala "biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika" fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll*

74. Sussidjarjament, ir-Renju tal-Belġju jallega li, anki jekk jiġi preżuppost li l-kontribuzzjonijiet reġjonali huma dovuti mill-Unjoni, dawn madankollu għandhom jiġu kklassifikati bħala biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika. Bħala tali huma ma jibbenefikawx mill-immunità, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. Konsegwentement, l-ewwel għandi nindirizza dan l-argument sabiex inkun nista' nasal għal konklużjoni definittiva.

75. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li taxxa tikkostitwixxi "biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika" fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, jekk kienet tissodisfa żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel, is-servizz ta' utilità pubblika għandu jiġi pprovdut jew, għall-inqas, jista' jiġi pprovdut lil dawk li jħallsu t-tariffa [41]. It-tieni nett, għandha teżisti rabta diretta u proporzjonali bejn il-valur reali ta' dan is-servizz u d-dazju mħallas mill-benefiċjarju [42]. Sussegwentement ser neżamina jekk il-kontribuzzjonijiet reġjonali jissodisfawx dawn iż-żewġ kundizzjonijiet.

1. Fuq il-kunċett ta' servizz ipprovdut lil dawk li jħallsu t-tariffa

76. Il-Kummissjoni ssostni li s-servizzi mħallsa mill-kontribuzzjonijiet reġjonali, jew ma jistgħux ikunu pprovduti lill-Unjoni, jew ma jistgħux jiġu pprovduti lilha speċifikament.

77. Fir-rigward tal-kontribuzzjoni reġjonali tal-elettriku, ċerti missjonijiet ta' servizz pubbliku previsti fl-Artikoli 24 u 24a tad-Digriet dwar l-Elettriku huma indirizzati, kif tenfasizza l-Kummissjoni, għall-klijenti residenzjali biss: għalhekk l-Unjoni ma tistax tibbenefika minnhom. L-istess japplika għall-provvista minima mhux interrotta ta' elettriku għall-konsum domestiku, kif ukoll il-provvista tal-elettriku b'tariffa soċjali speċifika, previsti fil-punti 1 u 2 tal-Artikolu 24(1). Għall-kuntrarju ta' dak sostnut mir-Renju tal-Belġju, ma huwiex importanti li l-persunal tal-Unjoni jista' jibbenefika minn dawn il-missjonijiet ta' servizz pubbliku: l-Artikolu 3 tal-Protokoll jipprovdi immunità għall-benefiċċju tal-Unjoni, u mhux tal-uffiċjali u membri tal-persunal tiegħu. Għalhekk hija l-Unjoni għandha tingħata s-servizzi ta' utilità pubblika.

78. Konsegwentement, la l-provvista minima mhux interrotta tal-elettriku għall-konsum domestiku u lanqas il-provvista tal-elettriku b'tariffa soċjali speċifika ma jikkostitwixxu servizzi ta' utilità pubblika fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll.

79. Min-naħa l-oħra, jidhirli li missjonijiet ta' servizz pubbliku oħra, fost dawk previsti mid-Digriet dwar l-Elettriku, jistgħu jkunu ta' benefiċċju lill-Unjoni jew effettivament ta' benefiċċju għaliha.

80. Fl-opinjoni tiegħi, ma jistax jiġi eskluż li l-konsum mill-ġdid tal-elettriku prodott permezz ta' koġenerazzjoni, previst fil-punt 1 tal-Artikolu 24a tad-Digriet dwar l-Elettriku, huwa ta' benefiċċju għall-Unjoni. Il-Kummissjoni tindika fil-fatt li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom sistemi ta' koġenerazzjoni. Donnu ma huwiex importanti li l-produzzjoni tal-istituzzjoni tkun inqas mill-konsum tagħhom, b'tali mod li huma jbigħu biss l-elettriku li jipproduċu huma stess permezz ta' koġenerazzjoni: huwa suffiċjenti li l-Unjoni tista' tibbenefika mill-konsum mill-ġdid tal-elettriku prodott b'dan il-mod. Lanqas ma huwa importanti li l-konsum mill-ġdid tal-elettriku prodott permezz ta' koġenerazzjoni jidħol fil-kuntest ta' politika ambjentali tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali: kuntrarjament ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, il-konsum mill-ġdid xorta waħda jikkostitwixxi servizz

41 — Sentenzi AGF Belgium (C-191/94, EU:C:1996:144, punt 26) u Komunità Ewropea (C-199/05, EU:C:2006:678, punt 21).

42 — Sentenza Komunità Ewropea (C-199/05, EU:C:2006:678, punt 25).

ipprovdut lill-Unjoni. Barra minn hekk, ma huwiex impossibbli li f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata l-Unjoni tipproduċi iktar milli tikkonsma. Fl-aħħar nett, il-bejgħ tal-elettriku, fir-rigward tal-kwantitajiet żgħar inkwistjoni, ma jistax jiġi assimilat ma' attività kummerċjali, li l-Unjoni ma għandhiex l-għan li teżerċita.

81. Barra minn hekk, il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-installazzjonijiet ta' dawl fit-toroq pubbliċi, previsti fil-punt 2 tal-Artikolu 24a tad-Digriet dwar l-Elettriku, huma ta' benefiċċju għall-Unjoni, għal dak li jikkonċerna d-dwal tal-kwartieri li fihom jinsabu l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Ċertament, id-dawl fit-toroq pubbliċi huwa għall-benefiċċju ta' nies għaddejjin minn Brussell u mhux lill-Unjoni biss. Madankollu, għall-kuntrarju ta' dak sostnut mill-Kummissjoni, il-kunċett ta' ħlasijiet ta' servizz ta' utilità pubblika ma jimplikax, fl-opinjoni tiegħi, li s-servizz jiġi pprovdut b'mod speċifiku lil dak li jħallas: it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, jirrigwarda servizzi "ta' utilità pubblika", mhux servizzi pprovduti li huma ekwivalenti għal provvista kuntrattwali rregolata mid-dritt privat. Konsegwentement, id-dawl fit-toroq pubbliċi inkwantu tali jista', fil-prinċipju, jikkostitwixxi servizz ta' utilità pubblika li minnu tibbenefika l-Unjoni fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll.

82. Fuq kollox, il-programm ta' użu razzjonali tal-elettriku, previst fl-Artikolu 24(2) tad-Digriet dwar l-Elettriku, kien effettivament ta' benefiċċju għall-Unjoni. Il-Kummissjoni ma tikkontestax li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni bbenefikaw minn "bonus ta' enerġija" intiża, pereżempju, għat-titjib tad-dawl ta' binja fir-rigward tar-rendiment tal-enerġija tagħha.

83. Konsegwentement, ċerti missjonijiet ta' servizz pubbliku ffinanzjati mill-kontribuzzjoni reġjonali tal-elettriku jistgħu jibbenefikaw lill-Unjoni (il-konsum mill-ġdid tal-elettriku pprovdut permezz ta' koġenerazzjoni) jew ikunu ta' benefiċċju għaliha (id-dawl pubbliku, il-programm ta' użu razzjonali tal-enerġija).

84. Fir-rigward tal-kontribuzzjoni reġjonali tal-gass, nikkuntenta ruħi nirrileva li waħda mill-missjonijiet ta' servizz pubbliku previsti fl-Artikoli 18 u 18a tad-Digriet dwar il-Gass tista' tibbenefika lill-Unjoni: il-programm ta' użu razzjonali tal-gass, previst fl-Artikolu 18a(2) tad-Digriet dwar il-Gass. Nippreċiża li l-Artikolu 18a(2) tad-Digriet dwar il-Gass għadu fis-seħħ, u għalhekk jista' jkun hemm dubju dwar id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li, wara Awwissu 2011, il-missjonijiet kollha ta' servizz pubbliku ffinanzjati mill-kontribuzzjoni reġjonali tal-gass huma indirizzati biss għall-konsum domestiku.

85. Madankollu, sabiex il-kontribuzzjonijiet reġjonali jiġu kklassifikati bħala biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika u jevitaw għalhekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, ma huwiex suffiċjenti li huma ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika pprovduti lill-Unjoni. Irid ikun hemm ukoll rabta diretta u proporzjonali bejn l-ispejjeż reali ta' dawn is-servizzi u l-ammont tal-kontribuzzjonijiet reġjonali. Issa, jidhirli li din ir-rabta hija nieqsa f'dan il-każ.

2. Fuq ir-rabta diretta u proporzjonali bejn l-ispejjeż reali tas-servizz u d-dazju mħallas mill-benefiċjarju

86. Il-Kummissjoni tirrileva li l-kontribuzzjonijiet reġjonali huma kkalkolati skont l-enerġija mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-klijent finali[43]. Hija tiddeduċi minn dan li l-kontribuzzjonijiet reġjonali ma humiex ikkalkolati skont l-ispiża tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku li huma jiffinanzjaw.

87. Fl-opinjoni tiegħi, l-argument tal-Kummissjoni għandu jintlaqa'.

43 — Bla ħsara, għall-kontribuzzjoni reġjonali tal-gass u l-klijent finali li l-meter tagħhom għandu kejl ta' 6 sa 10 m^3/h (jew l-iżgħar kejl eżistenti), tal-aħħar konsum annwali.

88. Fil-fatt, l-Artikolu 26(3) tad-Digriet dwar l-Elettriku jipprovdi li "d-dazju huwa kkalkolat abbażi tal-enerġija miżmuma għad-dispożizzjoni tal-klijenti finali eliġibbli". L-Artikolu 20f(3) tad-Digriet dwar il-Gass, introdott fl-2011 [44], jipprovdi li "d-dazju huwa kkalkolat abbażi tal-kejl tal-meters użati mill-amministratur tan-netwerk, f'siti ta' konsum fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, għand il-klijenti finali". Il-kejl tal-meter huwa ddeterminat mir-rata massima tal-gass speċifikata f'metri kubi kull siegħa li għaliha huwa intiż il-meter". Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-ammont tal-kontribuzzjonijiet reġjonali jiżdied mal-enerġija miżmuma għad-dispożizzjoni tal-klijenti. Issa, l-ispejjeż tas-servizzi pprovduti lill-benefiċjarju ma jiżdidux mal-enerġija miżmuma għad-dispożizzjoni. Klijent li għalih tinżamm għad-dispożizzjoni enerġija sinjifikattiva, ma jibbenefikax iktar minn missjonijiet ta' servizz pubbliku minn klijent li tinżamm għad-dispożizzjoni tiegħu provvista iżgħar: il-benefiċċju mill-missjonijiet ta' servizz pubbliku, u għalhekk l-ispiża tagħhom, ma huwiex marbut mal-enerġija mqiegħda għad-dispożizzjoni. Konsegwentement, l-ammont tal-kontribuzzjonijiet reġjonali ma huwiex relatat mal-ispiża tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku.

89. Konsegwentement, il-kontribuzzjonijiet reġjonali ma jistgħux jitqiesu li huma biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika, fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. Fil-fatt, għalkemm ċerti missjonijiet ta' servizz pubbliku li dawn jiffinanzjaw jikkostitwixxu servizzi pprovduti jew li jistgħu jiġu pprovduti, lill-Unjoni, l-ammont tagħhom ma huwiex skont l-ispiża ta' dawn is-servizzi. Għalhekk il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-kontribuzzjonijiet reġjonali jikkostitwixxu taxxa fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Protokoll.

90. Għalhekk ir-rikors tal-Kummissjoni għandu jintlaqa'. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Renju tal-Belġju għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

VI – **Konklużjoni**

91. Għalhekk fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

1) tikkonstata li, billi rrifjuta li jagħti lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni stabbiliti fi Brussell l-immunità minn kontribuzzjonijiet reġjonali intiżi għall-finanzjament tal-obbligi ta' servizz pubbliku fil-qasam tal-provvista tal-elettriku u tal-gass, previsti fl-Artikolu 26 tad-digriet tad-19 ta' Lulju 2001 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali u fl-Artikolu 20 tad-digriet tal-1 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-gass fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, dwar tariffi tat-toroq fil-qasam tal-gass u tal-elettriku u li jemenda d-digriet tad-19 ta' Lulju 2001 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

2) tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

44 — Ara l-punt 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.